**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor Louis Galea f'Seduta numru 14 tat-Tnejn, 9 ta' Ġunju, 2008.**

Fil-ħin tal-mistoqsijiet tas-Seduta numru 13 ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Ġunju, 2008, l-Onorevoli Joe Mizzi talab lis-Sedja taqtagħha jekk fl-interpellanza numru 508, magħmula mill-Onorevoli Censu Galea lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, l-Onorevoli Carmelo Mifsud Bonnici, l-Onorevoli Interpellant kienx qed isaqsi dwar materja li tinvolvi "interessi pekunjarji tal-Membru li qed jagħmel il-mistoqsija...".

Fl-interpellanza msemmija l-Onorevoli Censu Galea staqsa:

"Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex il-liġijiet dwar il-kawżi ta' libell jinbidlu radikalment? Billi s-sistema tal-lum tippermetti li kawżi bħal dawn (u l-kawżi kollha l-oħra) jitkaxkru kemm tkun trid il-parti li tkun qed tiġi akkużata b'malafama (tant li f'każ minnhom - li fih involut jien - l-avukat tal-parti l-oħra sa wasal biex qal li ġab il-file tal-kawża żbaljata), jista' darba għal dejjem jiġi stabbilit terminu li fihom dawn il-kawżi għandhom jinqatgħu?"

L-Onorevoli Joe Mizzi lemaħ il-kwestjoni ta' "interessi pekunjarji" fil-frażi bejn it-tieni qwies "(tant li f'każ minnhom - li fih involut jien...)", u sostna li l-interess pekunjarju ta' l-Interpellant jista' jemerġi mill-eżitu tal-kawża in kwestjoni "għax jekk jirbaħ libell jirbaħ somma flus", u fuq dan l-Onorevoli Mizzi talab ruling.

Is-Sedja seduta stante semgħet fil-qasir ħafna kummenti sew ta' l-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, l-Onorevoli Tonio Borg, kif ukoll ta' l-Onorevoli Mizzi, eżaminat bir-reqqa t-test ta' l-Interpellanza numru 508, kif ukoll l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati[1], il-Parliamentary Practice ta' Erskine May[2], u l-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati[3].

L-ewwel element li s-Sedja eżaminat hu jekk bħala fatt l-"interessi pekunjarji" personali humiex is-suġġett ta' l-Interpellanza mressqa mill-Onorevoli Galea. Minn qari ta' l-interpellanza s-Sedja tasal għall-konklużjoni li dan mhux il-każ. L-Interpellant isaqsi b'mod ġenerali dwar miżuri li jirregolaw aħjar aspetti diversi tad-dewmien esaġerat li skond l-Interpellant qed ikun hemm biex jinqatgħu l-kawżi fil-Qrati Maltin, inkluż kawżi ta' libell.

Is-Sedja tqis li s-sempliċi fatt li l-Interpellant, bil-quddiem u minn rajh, javvanza bejn il-qwies l-informazzjoni li hemm każ ta' libell li fih hu involut hu stess ma jammontax għal xi avvanz ta' "interessi pekunjarji tal-Membru li qed jagħmel il-mistoqsija".

Barra minn hekk, minn eżami tal-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili u ta' l-Att dwar l-Istampa li jirregolaw il-materja ta' defamazzjoni, inġurja u malafama joħroġ ċar li r-rimedju ta' l-akbar sustanza li hu intiż li joħroġ minn dawn il-proċeduri jinsab fid-dikjarazzjoni tal-Qorti, wara eżami tal-fatti, jekk il-fama, l-isem, l-integrità, il-karattru, l-onestà ta' l-individwu li jagħmel il-kawża ġewx b'xi mod imminati u disprezzati bl-allegata defamazzjoni, inġurja jew malafama. Il-likwidazzjoni tad-danni f'xi ammont pekunjarju, (fi kliem l-Onorevoli Mizzi deskritt fis-sens li "għax jekk jirbaħ libell jirbaħ somma flus"), aktar minn danni ta' natura finanzjarja huma rikonoxximent tad-dannu morali li tkun sofriet il-persuna inġurjata. M'hemmx dubju li min iressaq kawża ta' libell ikun qed ifittex mhux tant ir-rebħ ta' somma flus iżda ir-restawr, sa fejn dan hu possibbli, tal-fama integra u onesta tiegħu, li qatt ma hi xi materja kummerċjabbli jew pekunjarja.

Is-Sedja rat ukoll l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra numri 26 sa 32 li jirregolaw b'mod espliċitu l-materja ta' Interpellanza, b'mod partikolari l-Ordni Permanenti numru 27 dwar ir-regoli li jirregolaw id-dritt ta' għemil ta' interpellanzi. Dan l-Ordni Permanenti jidħol f'ċertu dettall dwar x'inhu u x'mhuwiex leċitu fit-tqiegħed ta' interpellanzi u imkien ma jissemma l-punt ta' "interess pekunjarju" tal-membru li jagħmel l-interpellanza. L-aktar li s-Sedja tista' tirrimarka hu li l-kliem imsemmija bejn il-qwies fl-interpellanza ta' l-Onorevoli Galea li dwarhom qanqal l-oġġezzjoni l-Onorevoli Mizzi jistgħu jammontaw għal "dikjarazzjoni li ma tkunx assolutament meħtieġa biex l-interpellanza tiftiehem" kif jgħid l-Ordni Permanenti 27 fil-paragrafu (1) tiegħu.

Is-Sedja rat ukoll l-Ordni Permanenti 89 li jipprovdi li ebda Membru ma jista' jivvota jekk ikollu "interess pekunjarju dirett". Iżda, hawn l-Ordnijiet Permanenti qed jirregolaw il-votazzjoni fil-Kamra u mhux l-Interpellanzi.

Is-Sedja kkonsultat ukoll il-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati li mkien ma jirreferi għall-interpellanzi, u l-unika riferenza għal interess pekunjarju insibuha fl-obbligu tal-Membri li kull sena jirreġistraw, fost ħwejjeġ oħra, "...azzjonijiet f'investimenti ta' kumpanniji kummerċjali inklużi flus depożitati fil-banek u kull xort'oħra ta' interess finanzjarju;..." [4].

Fl-aħħarnett is-Sedja tirreferi wkoll, anke jekk ta' malajr, għall-Erskine May, Parliamentray Practice, fejn insibu: " In debate a Member is required to declare ‘any relevant pecuniary interest or benefit of whatever nature, whether direct or indirect, that he may have had, may have, or may be expecting to have'. It is the responsibility of the Member, having regard to

the rules of the House, to judge whether a pecuniary interest is sufficiently relevant to require declaration. The basic test of relevance is similar to that for registration: that a pecuniary interest should be declared if it might reasonably be thought by others to influence the Member's speech." [5]

Is-Sedja tħoss li hu ċar biżżejjed li r-riferenza għal kawża ta' libell personali li għamel l-Interpellant la hi riferenza għal interessi pekunjarji, la hi rilevanti għall-mistoqsija, u wisq anqas fiha xi element li jista' jinfluwenza xi Membru f'xi diskors jew imġieba f'din il-Kamra.

Hekk tiddeċiedi s-Sedja dwar it-talba għal ruling mill-Onorevoli Joe Mizzi.

-------------------------------------------------------------------------------

[1] Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, Stampat fl-Istamperija tal-Gvern, Malta.

[2] Parliamentary Practice, Erskine May, Twenty-second Edition, Butterworths, London.

[3] Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, Malta, 1995.

[4] Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, Malta, 1995, Artikolu 5 (c).

[5] Erskine May, Parliamentary Practice, Twenty-second Edition, p 421.